No. 16,341
Prezz 2c
Price 2c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 1996
Wednesday, 2nd October, 1996

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 638**

**ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI**

**Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp**

L-Awtorità ta l-Ippjanar iddeċidiet li l-fdalijiet li ġejjin, jiġifieri:–

ĊISTERNA U ĦAJT RUMAN
U
FDALIJIET ARKEOLOĠIĊI OĦRA
SAN ĠWANN TAL-GĦARGĦAR
SAN ĠWANN

(ara l-pjanta f'paġna 6026) jistgħu jkunu ta' valur storiku u arkeoloġiku hekk li għandhom ikunu nklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-fdalijiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'din toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-fdalijiet imsemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Iċ-ċisterna u l-ħajt Ruman u fdalijiet arkeoloġiċi oħra f'San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann, għandhom jitqiesu bħala fdalijiet arkeoloġiċi ta' Klassi B, skond il-*Policy ARC* 2 tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valuri arkeoloġiċi tagħhom.

(ii) L-ebda żvilupp fil-proprjetà ma jiġi kkunsidrat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar qabel ma jsiru investigazzjonijiet arkeoloġiċi u f'liema nvestigazzjonijiet ma jiġux identifikati fdalijiet arkeoloġiċi ta' valur mid-Dipartiment tal-Mużewijiet.

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 638**

**EMERGENCY CONSERVATION ORDER**

**Section 47 of the Development Planning Act, 1992**

The Planning Authority believes that the following remains, namely:–

ROMAN CISTERN AND WALL
AND
OTHER ARCHAEOLOGICAL REMAINS
SAN ĠWANN TA' L-GĦARGĦAR
SAN ĠWANN

(see site plan on page 6026) could be of scientific value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The Roman cistern and wall and other archaeological remains at San Ġwann ta' l-Għargħar, San Ġwann, are to be considered as Class B archaeological remains as per Structure Plan Policy ARC 2, by virtue of their archaeological significance.

(ii) No development permission within the property is to be considered by the Planning Authority before an archaeological survey of the property, carried out to the satisfaction of the Planning Authority and the Museums Department, is carried out and no significant archaeological remains are identified by the Museums Department.

(iii) L-ebda investigazzjonijiet arkeoloġiċi ma jistgħu jsiru fil-proprjetà qabel ma jinkiseb permess mid-Dipartiment tal-Mużewijiet u li l-investigazzjonijiet għandhom isiru skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet.

(iv) Id-demolizzjoni, alterazzjonijiet, ċaqliq ta' ġebel, irdim jew estensjonijiet taċ-ċisterna, ħitan u fdalijiet oħra fil-proprjetà huma pprojbiti.

(v) L-ebda rdim, tħammil, ċaqliq ta' ġebel u żvilupp ieħor ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà ta' l-imsemmija fdalijiet sakemm ma jingħatax permess mill- Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(vi) L-*area* ta' fuq iċ-ċisterna għandha titħalla ħielsa minn kull żvilupp u użu ieħor inkluż l-ipparkjar ta' vetturi jew tqegħid ta' ħwejjeġ oħra ta' toqol. It-tħawwil ta' siġar jew veġetazzjoni oħra hu wkoll ipprojbit.

(vii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-fdalijiet imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-fdalijiet jiġu demoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46,52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-2 ta' Ottubru, 1996

(iii) No archaeological investigations within the property may be carried out without prior permission being obtained from the Museums Department and the investigations must be in accordance with the provisions of the Antiquities Protection Act.

(iv) The demolition, alteration, movement of stones, filling or extension of the cistern, wall and other remains in the property is prohibited.

(v) No dumping of material, movement of earth or removal of stones and other development is allowed in the property except with the prior permission of the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

(vi) The area above the cistern is to be left free from any development, or other uses, including the parking of vehicles or the placing of other heavy objects. The planting of trees or bushes is also prohibited.

(vii) Any interventions on the property which might be permissible according to the above must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

2nd October, 1996



N
0
0.1
0.2
km
PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map:- Min E52808, N73717 Max E53228l, N74182l
St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
Title :- Emergency Conservation Order
1. Chapel
2. Roman cistern
3. Large Blocks
Ref No.:-
Form No.:- MU003